KUNSILL LOKALI VALLETTA

Rapport ta' ħidma għas-sena 2025 tal-Kunsilliera responsabbli mit-Tfal u Edukazzjoni

Ylenia Montfort

**Introduzzjoni**

Dan ir-rapport jagħti deskrizzjoni tax-xogħol li wettaqt fid-dekasteri tiegħi fl-2025, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet aktar wiesgħa li tajt lejn it-tisħiħ tal-kwalita' tal-ħajja fil-Belt Valletta. Il-ħidma tiegħi dejjem kienet xprunata minnkom ir-residenti li flimkien identifikajna kwistjonijiet ewlenin.

**Kontribuzzjonijiet ġenerali**

Matul din is-sena, bqajt u kont voċifera fuq diversi issues li dejqu lir-residenti u sfortunatament, ma bdewx jingħataw widen.  Bdejna s-sena billi flimkien mal-kollegi tiegħi tlabna laqgħa mal-Valletta Management Plan sabiex naraw minn min qed jitmexxa u x'inhu l-pjanijiet għal Belt Valletta minn din l-entita. Waqt il-laqgħat tal-Kunsill Lokali u anke fuq il-profil soċjali tiegħi qajjimt diversi issues bħal:

- Problema ta' residenti li qed ifittxu li jibnu familtom l' barra mill-Belt Valletta
- L-issue tat-tender tal-faċċata tal-Knisja ta' San Pawl Nawfragu
- L-issue tad-drogi fil-Belt Valletta u problemi soċjali oħra
- L-istat tal-bankini fi Triq il-Merkanti (żona San Duminku)
- Tlabt li titranġa n-niċċa tal-lapidi li tinsab taħt is-Sur tal-Franċiżi
- Tkellimt u kkordinajt mal-Lands Authority rigward id-dar li fiha twieled Manwel Dimech fi Triq San Ġwann sabiex issa din tranġat, tneħħa l-iscaffolding u għalhekk anke l-periklu li kien hemm f'din l-akwata għar-residenti tal-madwar u turisti li jgħaddu u jiffrekwentaw iż-żona
- Tkellimt fuq il-parkeġġi tar-residenti u l-permessi temporanji li jinħarġu sabiex ikun hemm proċeduri iktar stabbiliti sabiex nevitaw l-abbuż
- Tellajt mozzjoni ta' Carrying Capacity fil-Belt Valletta, din ġiet miċħuda minkejja l-bżonn kbir li dan l-istudju jsir fil-Belt Valletta
- Tlabt li jsiru diversi bollards minħabba sigurta' jew aċċessibilita' madwar il-Belt Valletta
- Tkellimt u tlabt diversi rapporti dwar infieq tal-Kunsill, safar f'isem il-Kunsill Lokali, minuti li jiġu minn entitajiet oħra u tar-Reġjun Port fejn u meta dawn jinkludu l-Belt Valletta sabiex il-Kunsillieri kollha jkunu iktar infurmati bid-deċizzjonijiet u diskussjonijiet li jkunu għaddejjin.

**Ħidma fi ħdan id-Dekasteri – Tfal u Edukazzjoni**

Din is-sena fi ħdan id-dekasteri mogħtija lili kienet waħda mimlija sew u sodisfaċenti ferm ukoll. Nista' ngħid li dak kollu li kien pjanat għall-ewwel sena, rnexxa u li r-riżultat kien wieħed tajjeb ħafna u t-tfal gawdew minn dak kollu li esperjenzaw.

- Magnets Kommemorattivi f'kull festa tal-Belt Valletta (San Pawl, San Duminku, Santu Wistin u tal-Madonna tal-Karmnu). Dawn il-magnets ingħataw lit-tfal kollha preżenti f'kull Festa tat-Tfal biex inħeġġu l-parteċipazzjoni u attendenza f'dawn il-festa u sabiex inkomplu nrawmu s-sens ta' kultura u tradizzjoni fiż-żgħar tagħna li huma l-futur tal-festi Beltin.
- Outing mat-tfal kollha tal-iskola primarja ġewwa l-imħażen tal-Karnival sabiex jaraw il-karrijiet jinħadmu. It-tfal mill-ewwel sas-sitt sena daru xejn inqas minn sitt maħżnijiet li fihom daru mal-voluntiera sabiex jaraw kif isir karru, it-temi ta' dik is-sena kurrenti bit-tama li hawn ukoll, nrawwmu sens ta' kultura u tradizzjoni li tant hi marbuta mal-Belt Valletta fejn jidħol il-Karnival.
- Rikonoxximent f'Jum il-Belt lil Jaii Curmi ta' seba' snin għall-ħidma tiegħu fil-komunita' karnivaleska u l-ħiliet artistiċi tiegħu f'isem id-dekasteru tat-tfal.
- Ċelebrazzjoni tal-gradwazzjoni tal-Year 6 u tal-ewwel tqarbina tal-Year 2 ġewwa Gravity f'Shoreline + ikliet rispettivi għall-istudenti. Dan wara ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali, Gravity u anke l-iskola primarja tal-Belt Valletta.
- Outings waqt SkolaSajf fosthom – Jolly Jump, Teatru Manoel, Esplora u Zgarmardi Gardens illi ġew kollha mħallsa mill-Kunsill Lokali, apparti hekk, ingħata wkoll il-kors annwali mit-TCTC sabiex it-tfal itejbu l-ħiliet tagħhom fl-IT u Computing.
- Inżammet it-tradizzjoni tal-boroż tal-ħelu waqt it-Trick or Treat fil-Halloween fejn it-tfal tan-nursery tal-Belt ġew iħabbtu ġewwa l-Kunsill Lokali u ingħataw borża kull tifel u tifla sabiex inżommu t-tradizzjoni u nkabbruha fil-Belt Valletta.
- Inżammet it-tradizzjoni tal-boroż ta' San Martin fl-iskola primarja għat-tieni sena konsekuttiva

L-aqwa riżultat ta' dan kollu huwa li tara t-tfal Beltin jipparteċipaw, jattendu u jkollhom opportunitajiet ugwali. Ħerqana għal sen'oħra ta' ħidma b'iktar impenn fid-dekasteri mogħtija lili, b'iktar attivitajiet, b'iktar inizzjattivi li minnom igawdu l-ġenerazzjoni futura ta' Beltna.

VALLETTA
Città Umilissima











VALLETTA
Città Umilissima











VALLETTA
Città Umilissima






